MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2005

Appell Kriminali Numru. 55/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Sharon Tanti)**

**Vs**
Mary Concetta Apap

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Lulju 2004 meta hekk ordnata mill-Qorti ta' Malta jew marbuta b'kuntratt iehor, naqset milli taghti access tal-wild minuri Andre' li qieghed fil-kustodja taghha, lill-missieru Mario Apap, minghajr l-ebda raguni.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Frar, 2005, li biha, wara

li rat l-Artikolu 338(ll) tal-Kap. 9 kif ukoll ir-riferti pprezentati, ddikjarat il-proceduri preskritti.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-9 ta’ Marzu, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok ssib htija w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti naqset li tapplika l-provvediment tal-artikolu 687 (2) tal-Kodici Kriminali li jghid li z-zmien tal-preskrizzjoni ikun sospiz waqt proceduri. Illi ghalhekk f’ dan il-kaz il-preskrizzjoni saret sospiza b’ effett mit-18 ta’ Novembru, 2004 meta nbdew il-proceduri. Ghalhekk dan il-kaz ma kienx preskritt;**

**Semghet it-trattazzjoni dwar il-kwistjoni tal-preskrizzjoni;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Iikkonsidrat;**

**Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-akkuza kontra l-appellata li fil-<u>11 ta’ Lulju, 2004</u> naqset milli taghti access tal-wild minuri Andre’ Apap li kien fil-kustodja taghha lill-missieru Mario Apap minghajr l-ebda raguni, meta hekk ordnata mill-Qorti, kienet giet appuntata ghat-18 ta’ Novembru, 2004 u cioe’ ghall-data lill hinn mit-terminu ta’ preskrizzjoni ta’ tlitt xhur applikabbli ghal din il-kontravvenzjoni skond l-artikolu 688 (f) tal-Kodici Kriminali. Gara pero’ li fit-18 ta’ Novembru, 2004, ghallkemm dehret l-appellata assistita minn Dr. Ludwig Caruana, ma deherx il-kwerelant zewgha Mario Apap ghalkemm kien gie debitament notifikat kif jidher mir-riferta pozittiva tat-30 ta’ Settembru, 2004. Ma jirrizultax li dak in-nhar giet eccepita xi preskrizzjoni da parti tal-appellata, kif**

**wiehed kien jistenna kieku kienet giet notifikata fuori termine.**

**Minhabba l-assenza tal-kwerelant, fuq talba tal-prosekuzzjoni ghal differiment, il-kawza giet differita ghat-22 ta' Frar, 2005, meta l-kwerelant kellu jingieb b'mandat t' arrest. Dak in-nhar dehru kemm il-kwerelata appellata kif ukoll il-parte civili izda, peress li meta ssejhet il-kawza ghall-ewwel il-kwerelata appellata ma deheritx, giet esebita riferta pozittiva taghha li kienet turi li hi giet debitament notifikata bid-differiment ghat-22 ta' Frar, 2005 fl-20 ta' Dicembru, 2004, u cioe' inqas minn tlitt xhur mill-ahhar differiment u inqas minn tlitt xhur mid-differiment li kien imiss. Fit-22 ta' Frar, 2005, l-Ewwel Qorti ddecidiet li l-akkuza kienet preskritta izda mhux car jekk dan sarx fuq xi eccezzjoni tal-appellata jew mill-Qorti "ex officio" skond l-artikolu 694 tal-Kodici Kriminali jew u jekk il-preskrizzjoni kienetx tirriferi ghall-ewwel dehra jew ghat-tieni dehra.**

**Illi f' kull kaz din il-Qorti ma taqbilx mall-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha li tiddikjara l-akkuza preskritta ghas-segwenti ragunijiet.**

**Jekk l-Ewwel Qorti kienet qed tirriferi ghaz-zmien li ghadda bejn il-kommissjoni tal-allegat reat fil-11 ta' Lulju, 2004 u l-ewwel dehra quddiemha fit-18 ta' Novembru, 2004 huwa minnu li hawn ghaddew aktar minn tlitt xhur . Pero' skond l-artikolu 693 (1) tal-Kodici Kriminali :-**

"Iz-zmien tal-preskrizzjoni jinkiser b' kull att tal-procediment li jigi notifikat lill-imputat jew akkuzat dwar il-fatt li ghalih ikun imputat jew akkuzat"

**Issa huwa ovvju li la l-appellata dehret ghall-ewwel udjenza tat-18 ta' Novembvru, 2004, hi bil-fors li kienet giet notifikata bil-komparixxi jew citazzjoni qabel dik id-data. Altrimenti zgur li ma kienetx tattendi l-Qorti. Fit-18 ta' Novembru, 2004, ma jirrizultax mill-verbal tal-*prime note* (fol. 6) li giet eccepita xi preskrizzjoni**

**trimestrali, kif suppost kellu jigi verbalizzat kieku tali eccezzjoni nghatat. Ghalhekk dak in-nhar ma ntalbitx riferta tal-appellata mill-Qorti w l-kawza giet differita ghax ma deherx il-kwerelant. F' dan l-istat tal-provi w tal-atti processwali zgur li wiehed ma jistax jassumi li l-appellata kienet giet notifikata wara li kienu ghaddew tlitt xhur mill-kommissjoni tal-allegat reat u ghalhekk zgur li l-azzjoni ma kellhiex tigi dikjarata preskritta fuq daqshekk.**

**Jekk invece l-Ewwel Qorti meta ddikjarat l-azzjoni preskritta kellha f' mohha t-trapass taz-zmien bejn id-data tal-udjenza tat-18 ta' Novembru, 2004 u dik tat-tieni udjenza tat-22 ta' Frar, 2005 – trapass li wara kollox kien dovut ghad-decizjoni tal-Ewwel Qorti li tiddiferixxi ghal dik id-data minnkejja li kienet tmur oltre l-periodu ta' tlitt xhur – hija ukoll kienet zbaljata ghax jidher li injorat id-dispozizzjoni tas-subinciz (2) tal-artikolu 687 tal-Kodici Kriminali li gie ntrodott bl-Att III tas-sena 2002 u li jiddisponi li :-**

"Iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni u , jew att t' akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni jew att t'; akkuza."

**Issa f' dan il-kaz l-imputata appellata kienet zgur giet notifikata bl-imputazzjoni qabel ma dehret l-ewwel darba quddiem il-Qorti fit-18 ta' Novembru, 2004 u fiz-zmien bejn tali notifika w s-sentenza appellata tat-22 ta' Frar, 2005 , kull terminu preskrittiv kien sospiz.**

**Umbaghad, anki kieku ma kienx hekk, f' kull kaz il-preskrizzjoni kienet ukoll giet sospiza bin-notifika tal-appuntament il-gdid ghat-22 ta' Frar, 2005 , lill-appellata fl-20 ta' Dicembru, 2004 kif jidher mir-riferta pozittiva a fol.5 tal-process, billi dan skond l-artikolu 693 (1) tal-Kodici Kriminali , huwa** "att tal-procediment" **li gie** notifikat **lill-appellata w li ukoll jikser il-preskrizzjoni.**

**Ghalhekk jidher li l-appell tal-Avukat Generali hu gustifikat u qed jigi milqugh.**

**Ghal dawn il-motivi tilqa l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata dwar il-preskrizzjoni w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio ezame , terga’ tibghat l-atti processwali lill-Ewwel Qorti biex tisma w tiddeciedi l-kaz fil-mertu skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------